**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**2 ta' Jannar, 2022**

# AWGURI!

Dan l-ewwel bullettin li se tirċievu fis-Sena l-Ġdida 2022. Minn qalbi nawguralkom kull ġid matul is-sena u jalla tkun għal kulħadd sena li ġġib kull xorta ta' barka.



Fil-parroċċa tagħna nibdew is-sena billi niddedikaw il-Jum għal Ġesù fl-Ewkaristija. Ejjew nivvalorizzaw il-quddiesa bil-preżenza tagħna fiżikament fil-knisja biex inkunu nistgħu nagħmlu esperjenza ta' komunità mal-oħrajn u ta' Komunjoni ma' Ġesù fl-Ostja Mqaddsa.

Quddiesa li nieħdu sehem fiha dment li għadna hawn tiswa iktar minn quddiesa li joffru għalina wara mewtna.

Iktar tard f'dan ix-xahar se niċċelebraw Jum il-Kelma t'Alla. Kemm tkun riżoluzzjoni sabiħa għas-sena li jkollna l-Bibbja qrib tagħna fejn naħdmu jew nistudjaw, biex nużawha ta' sikwit.

Billi għadna sejrin bil-COVID, wieħed jaħsel jaqta' qalbu u jgħid, "Xbajt sejjer hekk". Il-Covid jgħallimna nibżgħu iktar għad-dinja li ngħixu fiha, naħsbu iktar f'dawk li jgħixu mxekklin b'mard u diżabilità matul ħajjithom kollha. U bl-umiltà kollha naċċettaw li ma aħniex allat u li fil-limiti tagħna hemm il-Mulej li jagħmel tajjeb għalina.



Is-sena 2022 qisha kaxxa magħluqa. Nieħdu pożizzjoni Nisranija u nwieġbu bl-imħabba għal kull challenge li se niffaċċjaw fiha. Ma nkunux fatalisti billi naħsbu li ma nistgħu nagħmlu xejn. Ħafna jiddependi mill-impenn tagħna għall-familja u għal dak li nwettqu barra mill-familja.

Niftakar mara xwejħa fil-parroċċa fejn kont fil-Brażil, omm ta' 14-il wild, is-Sinjura Ġwanna, li ħadha ħajja. Kienet dejjem tgħidli: "Ara tinkwieta, għax Alla huwa kbir u d-dinja hija wiesgħa u għalhekk tesa' lil kulħadd".

Mela ma ninsewx: Alla jista' jirranġa kollox u fid-dinja għandna l-possibbiltajiet bla għadd. Basta nagħmlu l-parti tagħna.

**Is-Sena t-Tajba!**

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**AVVIŻI:**

**LAQGĦA TAL-ĠUVINTUR U L-OLD BOYS FIL-MUSEUM (SUBIEN) NADUR:** peress li l-ewwel Sibt ser ikun l-ewwel tas-sena l-laqgħa ser issir nhar is-Sibt 8 ta' Jannar, 2022 fis-7:30pm. Ser ikellemna l-Arċipriet Daniel Xerri dwar il-kawża ta' Dun Mikiel Attard. Il-ġuvintur u l-old boys huma mistiedna biex jattendu u jisimgħu lezzjoni dwar dan il-qassis twajjeb li tant għamel ġid u li hu marbut ħafna ma' din il-laqgħa u l-fuljett *Il-Ħbieb Isejħu.*

Bħala messaġġ ta' Jum il-Paċi fl-1 ta' Jannar, il-Papa Franġisku għamel sejħa sabiex ninvestu iktar fl-edukazzjoni u mhux fl-armi tal-gwerra. Huwa fatt li jnikket, qal il-Papa, li fl-aħħar snin il-mexxejja tad-dinja żiedu fin-nefqa għall-armi u naqqsu n-nefqa għall-edukazzjoni. Il-messaġġ tal-Papa jagħti tliet triqat li jwasslu għall-paċi:

1. Promozzjoni tad-djalogu bejn żgħar u kbar fl-età;
2. Ninvestu iktar fl-edukazzjoni;
3. Intejbu l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema fuq il-lant tax-xogħol.

Il-Papa qal li l-edukazzjoni m'għandniex narawha bħala xi ħaġa ta' spejjeż imma bħala investiment għall-futur. Fl-aħħar nett huwa qal li d-dinja għandha bżonn "a culture of care" biex hekk jitwaqqgħu l-barrieri li jeżistu bejn ġenerazzjonijiet differenti.

**L-GĦASEL MALTI**



Hemm tliet tipi ta' għasel Malti. Fix-xahar ta' Mejju jinħasad l-għasel multi-flora. Imbagħad hemm l-għasel selvaġġ li jinġabar f'Lulju. Fil-ħarifa jkun hemm l-għasel tal-ħarrub u l-Ewkaliptus.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am